MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1879/2002

**Robert Vella**

**vs**

**Raymond Calleja f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' N.R Excavation Works Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,100.00c (elf u mitt lira Maltin) rapprezentanti zewg kambjalijiet li nhargu mill-konvenuti Raymond Calleja u s-socjeta' N.R Excavation Works Limited favur l-attur Robert Vella ghall-ammont ta' Lm550.00c (hames mija u hamsin lira Maltin) kull wiehed pagabbli fl-ahhar t'April 2002 u fl-ahhar ta' Gunju 2002.

Il-konvenuti naqsu li jhallsu z-zewg kambjalijiet ta' Lm550.00c (hames mija u hamsin lira Maltin) kull wiehed li mmaturaw fit-30 t'April 2002 u fit-30 ta' Gunju 2002.

Minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1,100.00c (elf u mitt lira Maltin) rapprezentanti kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**